**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2002

**Numru 2**

**Avviz numru 1203/01JR**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Mary D'Amato u l-istess Mary D'Amato**

**vs**

**Anthony Cuschieri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici u mill-attrici fil-15 t'Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u erbgha liri Maltin u hames centezmi (Lm404.05), rapprezentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Jannar,**

**2001, fi Triq Wied iz-Zurrieq, bejn il-vettura proprjeta` tal-mittenti Mary D'Amato numru DAC-575 u dik misjuqa mill-intimat numru ta' registrazzjoni LAH-303, liema incident gara unikament tort ta' l-imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti da parti ta' l-intimat, u dan prevja d-dikjarazzjoni opportuna;**

**Bl-ispejjez inkluz dik ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-10 ta' Mejju, 2001.**

**Ra li l-konvenut ipprezenta risposta tardivament u ghalhekk b'digriet tat-23 ta' Novembru, 2001, it-Tribunal ordna l-isfilz ta' l-istess.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Axiaq, Mary D'Amato, Anthony Cuschieri, u Lucy Mercieca. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-28 ta' Jannar, 2001, fl-4.00p.m., fi Triq Wied iz-Zurrieq, Qrendi, bejn il-vettura ta' l-attrici, numru ta' registrazzjoni DAC-575, u dik tal-konvenut, numru ta' registrazzjoni LAH-303.**

2. **Fil-mument tal-kollizjoni iz-zewg vetturi kienu f'"parking area".**

**3. L-attrici tghid li kienet irriversjat u waqfet qed thares il-quddiem biex titlaq. Hi tghid li l-konvenut kien ipparkjat ukoll, qala, rriversja u laqatha fil-bieba tal-lemin ta' wara u hadilha l-pilastru ta' wara wkoll.**

**4. Il-konvenut jghid li kien wieqaf u li kien ser jirriversja, meta l-attrici irriversjat go fih fuq wara. Skond il-konvenut hu kien hiereg meta hi dahlet fih. F'dan is-sens xehdet Lucy Mercieca, mart il-konvenut, li rat lill-attrici mad-daqqa, u ziedet tghid li huma kienu mexjin bil-mod, qed iduru biex jitilqu. Il-konvenut u martu jghidu li l-attrici ma daqqitx "horn".**

**5. Jirrizulta ghalhekk li fil-mument tal-kollizzjoni l-konvenut kien fil-fatt qed jirriversja, u l-attrici kienet ghada kemm qed ittemm l-istess manuvra, biex tmexxi l-quddiem. Jirrizulta li mid-daqqa kif riportata fil-vettura ta' l-attrici, d-daqqa kienet fil-genb, li jindika bic-car li l-konvenut ma kienx qieghed attent ghall-dak li kellu warajh. Ir-ritratti esebiti Dok.MA8 juru bic-car li l-attrici ma setghetx irriversjat ghall gol-konvenut, hu li ta' bil-fors kien il-konvenut li rriversja ghall-go fiha.**

**6. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet.**

7. **Jirrizulta li l-attrici kellha total ta' tlett mija disgha u sebghin lira Maltija u hames centezmi (Lm379.05) bhala spejjez, kif jirrizulta mid-Dok.MA1, MA2, MA9 u MA10.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u konsegwentement jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija disgha u sebghin lira Maltija u hames centezmi (Lm379.05).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-10 ta' Mejju, 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**